MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2008

Numru 812/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Joseph Mary Difesa**
**Christian Schembri**
**Fiorita Pace**
**Joan Difesa**
**Martin Cachia**
**Stefan Cachia**
**Wayne Grech**
**Christopher Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Mary Difesa ta' 53 sena, bin Joseph u Mary nee' Farrugia, imwieled Valletta fil-21 ta' Settembru 1951, residenti f' 'Villa Difesa', Triq Santa Klara, Bahar ic-Caghaq, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 723051(M);

Christian Schembri ta' 20 sena, bin Joseph u Carmela nee' Sammut, imwieled Pieta' fit-3 ta' Gunju 1985, residenti f' 8, Farmhouse, Tal-Budaqq, L/o Naxxar, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 298585(M);

Fiorita Pace ta' 18 il-sena, bint Gajetan u Salvina nee' Azzopardi, imwielda Pieta' fl-4 ta' Awissu 1987, residenti fi Block A, Flat 5, Triq l-Ifran, Valletta, u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 346087(M);

Joan Difesa ta' 23 sena, bint Joseph u Rita nee' Grech, imwielda Pieta' fit-8 ta' Gunju 1982, residenti f' 'Villa Difesa', Triq Santa Klara, Bahar ic-Caghaq, u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 360882(M);

Martin Cachia ta' 46 sena, bin Michael u Josephine nee' Aquilina, imwieled Pieta' fid-29 ta' Marzu 1959, residenti f' 'Casa Martina', 238, Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 235859(M);

Stefan Cachia ta' 15-il sena, bin Martin u Therese Carabott, imwieled Pieta' fit-23 ta' Novembru 1989, residenti f' 'Casa Martina', 238, Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke, u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 562089(M);

Wayne Grech ta' 14-il sena, bin Raymond u Anna nee' Pace, imwieled Pieta' fit-13 ta' Dicembru 1990, residenti f' 'AnneRay', Triq il-Gunglien, Qormi, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 39091(M); u

Christopher Calleja ta' 41 sena, bin Vincent u Margaret nee' Borg, imwieled Pieta' fl-24 ta' Mejju 1964, residenti fi 88, Flat 4, Triq il-Merkanti, Valletta, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 281364(M);

Billi gew akkuzati talli il-Hadd 10 ta' April 2005, fil-Belt Valletta, iffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, ghamlu uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

Kif ukoll talli fl-istess data u cirkostanzi, xjentement qeghdu fic-cirkolazzjoni bieghu jew zammew ghandhom ghall-bejgh jew importaw ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' ghaxart elef, seba' mija u tmienja u erbghin (10,748) *optical diskettes* konsistenti f'DVDs, Playstation software u audio CDs;

U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw jew mod irriproducew jew ikkopjaw, jew bieghu, qassmu, jew mod iehor offrew ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha u cioe' ghaxart elef, seba' mija u tmienja u erbghin (10,748) *optical diskettes* konsistenti f'DVDs, Playstation software u audio CDs;

Lil **Martin Cachia wahdu** talli nhar it-Tnejn 11 ta' April 2005 u fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, f'garaxx numru 17 fi Triq id-Duluri, Hamrun, iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta'

dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandhu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe’ hamest elef, tmin mija u sitta u erbghin (5,846) *optical diskettes* konsistenti f’DVDs, Playstation software u audio Cds;

U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghal qligh, jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u prottetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha u cioe’ hamest elef, tmin mija u sitta u erbghin (5,846) *optical diskettes* konsistenti f’DVDs, Playstation, software u audio CDs;

**Lil Joseph Mary Difesa** wahdu talli b’hekk sar recidiv a terminu ta’ l-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 29 ta’ Mejju 2001, 4 ta’ Frar 2002, 14 ta’ Marzu 2002, 27 ta’ Gunju 2002, 27 ta’ Jannar 2003, 3 ta’ Frar 2005 u 14 ta’ Lulju 2005 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

**Lil Martin Cachia wahdu** talli b’hekk sar recidiv a terminu ta’ l-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminal b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 19 ta’ Gunju 2001, 16 ta’ Ottubru 2001, 3 ta’ Settembru 2002, 3 ta’ Frar 2003 u 3 ta’ Ottubru 2003 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Kif ukoll talli b’hekk kiser il-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza fejn gie illiberat taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien xaharejn, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-15 ta’ Frar 2005.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, thassar il-licenzja, jew inkella tissospendi tali licenzja ghal xi zmien, fid-diskrezzjoni taghha, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 31 tal-Kapitlu 441 tl-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet finalment gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tkkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Innutat li fis-Seduta tat-30 ta’ April, 2008 l-imputati kollha fil-presenza ta’ l-Avukat Difensur taghhom iddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati kollha bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mitoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati kollha fil-presenza ta’ l-Avukat Difensur taghhom reghhu wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputati Joseph Mary Difesa u Martin Cachia l-artikoli 18, 298(1)(a)(f), 298B, 49, 50, 23, 532A, 532B u 31 tal-Kap. 9 u l-artikolu 31 tal-Kap. 441 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat fil-konfront tal-imputati Christian Schembri, Fiorita Pace, Joan Difesa u Christopher Calleja l-artikoli 18, 298(1)(a)(f), 298B, 532A, 532B, 533, 17 u 31 tal-Kap. 9 u l-artikolu 31 tal-Kap. 441 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat fil-konfront tal-imputati Stefan Cachia u Wayne Grech l-artikoli 18, 298(1)(a)(f), 298B, 532A, 532B, 533, 17, 31 u 37 tal-Kap. 9 u l-artikolu 31 tal-Kap. 441 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputati Joseph Mary Difesa u Martin Cachia, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-istess imputati Joseph Mary Difesa u Martin Cachia ghall-piena komplessiva ta’ elfejn tlett mija u disa’ u ghoxrin Euro u seba’ u tletin centezmi ta’ Euro (Euro 2,329) multa ekwivalenti ghall-Elf Liri Maltin (Lm 1000) kull wiehed.

Issib lill-imputati Christian Schembri, Fiorita Pace, Joan Difesa u Christopher Calleja, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tillibera lill-istess imputati Christian Schembri, Fiorita Pace, Joan Difesa u Christopher Calleja taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Issib lill-imputati Stefan Cachia u Wayne Grech, fuq ammissjoni, hatja tal- akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li fil-konfront ta’ dawn l-imsemmija zewg imputati japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tillibera lill-istess imputati Stefan Cachia u Wayne Grech taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Inoltre, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputati Joseph Mary Difesa, Christian Schembri, Fiorita Pace, Joan Difesa, Martin Cachia, Stefan Cachia, Wayne Grech u Christopher

Calleja sabiex minnufih ihallsu lir-Registratur tal-Qrati bejniethom f'partijiet ugwali is-somma ta' elf u tlieta u ghoxrin Euro u hamsa u tmenin centezmi ta' Euro (Euro 1023.85) ekwivalenti ghall-erba mija u disa' u tletin Liri Maltin u erba' u hamsin centezmi (Lm 439.54) rappresentanti spejjes inkorsi f'din il-kawza rigward il-hatra ta' esperti.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna il-konfiska u id-distruzzjoni tal-oggetti esebiti formalment bhala rispettivament Dok AG23, Dok AG35 u Dok AG36 u ghal fini ta' tali distruzzjoni tinnomina lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) u wara lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) ghandu jaghmel Rapport dwar tali distruzzjoni u jippresentah fir-Registru ta' din il-Qorti sabiex jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza.

Tordna wkoll li l-Ufficjal Prosekutur ghandu fi zmien hmistax (15) il-jum millum jghaddi materjalment lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) l-oggetti esebiti formalment bhala Dok AG23, Dok AG35 u Dok AG36 ghal fini li ssir tali distruzzjoni.

Il-Qorti qed taghti lill-imputati Christian Schembri, Fiorita Pace, Joan Difesa, Stefan Cachia, Wayne Grech u Christopher Calleja l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-Sentenza tigi notifikata lir- Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------